



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 16 ta' Mejju 2012
(OR. en)**

Fajl Interistituzzjonal:
2011/0249 (NLE)

**14764/11
ADD 1 REV 1**

**WTO 329
AMLAT 84
SERVICES 96
COMER 193**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħħa l-oħra

SKEDI GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI

APPENDIĊI 1

IT-TNEHHIJA TAD-DAZJI

TAQSIMA A

**SKEDI GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI TAL-KOLOMBJA
FUQ MERKANZIJI LI JORIĠINAW MILL-UNJONI EWROPEA**

Kategoriji tal-Fażijiet

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fl-Iskeda għat-Tneħħija tat-Tariffi tal-Kolombja, dawn il-kategoriji tal-fażijiet li ġejjin għandhom japplikaw skont l-Artikolu 22 (Tneħħija ta' Dazji) tat-Titolu III (Kummerċ ta' Prodotti) ta' dan il-Ftehim.

1. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "merkanziji li joriġinaw") korrispondenti mal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi A għandhom jitnehew kompletament, u dawn il-merkanziji għandhom ikunu ħielsa minn kull dazju doganali fid-data ta' meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ.

2. Id-dazji fuq merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi B għandhom jitneħħew ferba' stadji li jkunu ndaqs, l-ewwel wieħed jinqata' mid-data li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim; it-tnaqqis ta' dazji li jibqgħu għandu jibda jsir fl-1 ta' Jannar tas-snин suċċessivi, u dawn il-merkanziji għandhom minn dakinhar 'il quddiem ikunu ħielsa minn kull dazju.
3. Id-dazji fuq merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi C għandhom jitneħħew f'sitt stadji li jkunu ndaqs, l-ewwel wieħed jinqata' mid-data li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim; it-tnaqqis ta' dazji li jibqgħu għandu jibda jsir fl-1 ta' Jannar tas-snین suċċessivi, u dawn il-merkanziji għandhom minn dakinhar 'il quddiem ikunu ħielsa minn kull dazju.
4. Id-dazji fuq merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi D għandhom jitneħħew fi tmien stadji li jkunu ndaqs, l-ewwel wieħed jinqata' fid-data li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim; it-tnaqqis ta' dazji li jibqgħu għandu jibda jsir fl-1 ta' Jannar tas-snین suċċessivi, u dawn il-merkanziji għandhom minn dakinhar 'il quddiem ikunu ħielsa minn kull dazju.
5. Il-prodotti stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi E huma eżentati minn kull impenn li għandu x'jaqsam mad-dazji.

6. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi F għandhom jitneħħew fi ħdax-il stadju li jkunu kollha ndaqs, l-ewwel wieħed jinqata' mid-data li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim; it-tnaqqis ta' dazji li jibqgħu għandu jibda jsir fl-1 ta' Jannar tas-snин suċċessivi, u dawn il-merkanziji għandhom minn dakħinhar 'il quddiem ikunu ħielsa minn kull dazju.
7. Il-komponent fiss tal-Mekkaniżmu għall-Istabbilizzazzjoni tal-Prezzijiet (minn hawn 'il quddiem imsemmi "MEP" (15%) tal-merkanziji li joriġinaw, li huwa stipulat fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi FA għandu jitneħħha fi ħdax-il stadju li jkunu kollha ndaqs, l-ewwel wieħed jinqata' mid-data li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim; il-bqija tat-tnaqqisiet se jsiru fl-1 ta' Jannar tas-snın suċċessivi.
8. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi G għandhom jinżammu minn dik id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim sal-aħħar tat-tieni sena. Mill-1 ta' Jannar tat-tielet sena, id-dazji se jitneħħew fi tliet stadji ndaqs, stadju kull sena, u dawn il-merkanziji minn hemm 'il quddiem ikunu ħielsa minn kull dazju.
9. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi H għandhom jinżammu minn dik id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim sal-aħħar tat-tieni sena. Mill-1 ta' Jannar tat-tielet sena, il-komponent fiss tal-MEP (20%) se jitneħħha fi stadji ndaqs fħames snin suċċessivi.

10. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi IA għandhom jinżammu minn dik id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim sal-aħħar tat-tieni sena. Mill-1 ta' Jannar tat-tielet sena, il-komponent fiss tal-MEP (20%) se jitneħħha fi stadji ndaqs fi tmien snin suċċessivi.
11. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi IB għandhom jinżammu minn dik id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim sal-aħħar tat-tieni sena. Mill-1 ta' Jannar tat-tielet sena, il-komponent fiss tal-MEP (15%) se jitneħħha fi stadji ndaqs fi tmien snin suċċessivi.
12. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi IC għandhom jinżammu minn dik id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim sal-aħħar tat-tieni sena. Mill-1 ta' Jannar tat-tielet sena, id-dazji se jitneħħew fi tmien stadji ndaqs, stadju kull sena, u dawn il-merkanziji minn hemm 'il quddiem ikunu ħielsa minn kull dazju.
13. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi J għandhom jinżammu minn dik id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim sal-aħħar tat-tieni sena. Mill-1 ta' Jannar tat-tielet sena, id-dazji se jitneħħew f'għaxar stadji ndaqs, stadju kull sena, u dawn il-merkanziji minn hemm 'il quddiem ikunu ħielsa minn kull dazju.

14. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi K għandhom jinżammu minn dik id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim sal-aħħar tal-ħames sena. Mill-1 ta' Jannar tas-sitt sena, il-komponent fiss tal-MEP (15%) se jitneħħha fi stadji ndaqs fħames snin suċċessivi.
15. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi L għandhom jitnaqqsu b'10% mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
16. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi M għandhom jitnaqqsu b'20% mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
17. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi N għandhom jinżammu minn dik id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim sal-aħħar tat-tieni sena. Fl-1 ta' Jannar tat-tielet sena, id-dazji se jitnaqqsu b'20%.
18. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi O għandhom jinżammu minn dik id-data meta jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim sal-aħħar tat-tielet sena. Fl-1 ta' Jannar tar-raba' sena, id-dazji se jitnaqqsu b'20%.

19. Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi P għandhom jitnaqqsu b'40% mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
20. Il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi MA jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 140 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 7 tunnellati metriċi li tibda mill-ewwel sena. Il-merkanziji li jiġu impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena jieħdu trattament ta' Pajjiż l-Aktar Preferut (minn hawn 'il quddiem imsemmi bħala "MFN".
21. Il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi HO jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 33 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 1,7 tunnellati metriċi li tibda mill-ewwel sena. Il-merkanziji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena jieħdu l-MFN.
22. Il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi HE jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 300 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 15-il tunnellata metrika li tibda mill-ewwel sena. Il-merkanziji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena jieħdu l-MFN.
23. Il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi YG jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 100 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' ħames (5) tunnellati metriċi li tibda mill-ewwel sena. Il-merkanziji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena jieħdu l-MFN.

24. Il-livelli tad-dazju li jidhru hawn taħt għandhom japplikaw għall-merkanzji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi PA għal kwota globali ta' 6 667 tunnellati metriċi mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 200 tunnellata metrika li tibda mill-ewwel sena. Il-merkanzji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena jieħdu l-MFN.

Linji tariffarji	Dazju fī ħdan il-kwota
17049090B	0%
19019020B	
20060000B	
20079110B	
20079120B	
20079991B	
20079992B	
20091100B	
20091900B	
20092900B	
20093910B	
20093990B	
20094900B	
20096900B	
20097900B	
20098019B	
20099000B	
21069030B	
21069040B	
21069050B	
21069060B	
21069071B	
21069072B	
21069073B	
21069074B	
21069079B	
21069080B	
21069090B	
33021090B	

Linji tariffarji	Sena	Dazju fi ħdan il-kwota
18061000B		
18062090B		
21011200B		
	Dħul fis-seħħ	
	1	17,5%
	2	15,0%
	3	12,5%
	4	10,0%
	5	7,5%
	6	5,0%
	7	2,5%
		0%

Linji tariffarji	Sena	Dazju fi ħdan il-kwota
21069010B		
	Dħul fis-seħħ	
	1	13,1%
	2	11,3%
	3	9,4%
	4	7,5%
	5	5,6%
	6	3,8%
	7	1,9%
		0%

Linji tariffarji	Sena	Dazju fi ħdan il-kwota
21012000B		
	Dħul fis-seħħ	
	1	20,0%
	2	20,0%
	3	17,5%
	4	15,0%
	5	12,5%
	6	10,0%
	7	7,5%
	8	5,0%
	9	2,5%
	10	0%

Linji tariffarji	Sena	Dazju fi ħdan il-kwota
19019090B		
	Dħul fis-seħħ	16,7%
	1	13,3%
	2	10,0%
	3	6,7%
	4	3,3%
	5	0%

Linji tariffarji	Sena	Dazju fi ħdan il-kwota
21069029B		
	Dħul fis-seħħ	8,8%
	1	7,5%
	2	6,3%
	3	5,0%
	4	3,8%
	5	2,5%
	6	1,3%
	7	0%

25. Il-livelli tad-dazju li jidhru hawn taħt għandhom japplikaw għall-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi AZ għal kwota globali ta' 20 667 tunnellati metriċi (imfissra fl-ekwivalenti ta' żokkor mhux maħdum) mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 620 tunnellata metrika li tibda mill-ewwel sena. Il-merkanziji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena jieħdu l-MFN.

Linji tariffarji	Sena	Dazju fī ħdan il-kwota
17011110		
	Dħul fis-seħħ	
	1	18,8%
	2	17,5%
	3	16,3%
	4	15,0%
	5	13,8%
	6	12,5%
	7	11,3%
	8	10,0%
	9	8,8%
	10	7,5%
	11	6,3%
	12	5,0%
	13	3,8%
	14	2,5%
	15	1,3%
		0%

Linji tariffarji	Sena	Dazju fī ħdan il-kwota
17011190		
17019100		
17019910		
17019990		
	Dħul fis-seħħ	
	1	47,0%
	2	47,0%
	3	43,4%
	4	39,8%
	5	36,2%
	6	32,5%
	7	28,9%
	8	25,3%
	9	21,7%
	10	18,1%
	11	14,5%
	12	10,8%
	13	7,2%
	14	3,6%
	15	0%

26. Il-livelli tad-dazju li jidhru hawn taħt għandhom jaapplikaw għall-merkanzji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi DB għal kwota globali ta' 1 867 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 93,3 tunnellati metriċi li tibda mill-ewwel sena. Il-merkanzji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena jieħdu l-MFN.

Linji tariffarji	Sena	Dazju fi ħdan il-kwota
02062100		
02062200		
	Dħul fis-seħħ	
	1	72,7%
	2	65,5%
	3	58,2%
	4	50,9%
	5	43,6%
	6	36,4%
	7	29,1%
	8	21,8%
	9	14,5%
	10	7,3%
		0%

Linji tariffarji	Sena	Dazju fi ħdan il-kwota
05040010		
05040020		
05040030		
	Dħul fis-seħħ	
	1	63,6%
	2	57,3%
	3	50,9%
	4	44,5%
	5	38,2%
	6	31,8%
	7	25,5%
	8	19,1%
	9	12,7%
	10	6,4%
		0%

27. Il-livelli tad-dazju li jidhru hawn taħt għandhom japplikaw għall-merkanzji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi LC għal kwota globali ta' 100 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 5 tunnellati metriċi li tibda mill-ewwel sena. Il-merkanzji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena jieħdu l-MFN.

Linji tariffarji	Sena	Dazju fi ħdan il-kwota
04029910		
	Dħul fis-seħħ	
	1	50,0%
	2	50,0%
	3	33,3%
	4	16,7%
	5	0%

28. Il-merkanzji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi TX jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 3 000 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 300 tunnellata metrika li tibda mill-ewwel sena. Għall-merkanzji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat elenkat hawn taħt għal kull sena, għandhom japplikaw il-livelli ta' dazju fuq kwota żejda li jidhru hawn taħt. Mill-1 ta' Jannar tal-ġħaxar sena, il-merkanzji għandhom ikunu eżenti minn kull dazju.

Linji tariffarji	Sena	Tunnelati Metriċi	Dazju fuq kwota żejda
21069090D			
	Dħul fis-seħħ		
	1	3,000	18,2%
	2	3,300	16,4%
	3	3,600	14,5%
	4	3,900	12,7%
	5	4,200	10,9%
	6	4,500	9,1%
	7	4,800	7,3%
	8	5,100	5,5%
	9	5,400	3,6%
	10	5,700	1,8%
		Bla limitu	0%

29. Il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi LS jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 2 500 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 250 tunnellata metrika li tibda mill-ewwel sena. Għall-merkanziji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena, għandhom japplikaw il-livelli ta' dazju fuq kwota żejda li jidhru hawn taħt. Mingħajr ħsara għall-miżura ta' salvagwardja stabbilita fit-Taqsima A tal-Anness IV (Miżuri ta' Salvagwardja għall-Agrikoltura), mill-1 ta' Jannar tat-tielet sena, il-merkanziji għandhom ikunu eżentati minn kull dazju.

Linji tariffarji	Sena	Dazju fuq kwota żejda
04041010		
	Dħul fis-seħħħ	15%
	1	10%
	2	5%
	3	0%

Linji tariffarji	Sena	Dazju fuq kwota żejda
04041090		
04049000		
	Dħul fis-seħħħ	70,5%
	1	47,0%
	2	23,5%
	3	0%

30. Il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi LP1 jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 4 000 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħi ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 400 tunnellata metrika li tibda mill-ewwel sena. Għall-merkanziji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat għal kull sena, għandhom japplikaw il-livelli ta' dazju fuq kwota żejda indikati, kif elenkat hawn taħt. Mingħajr ħsara għall-miżura ta' salvagwardja stabbilita fit-Taqsima A tal-Anness IV (Miżuri ta' Salvagwardja għall-Agrikoltura), mill-1 ta' Jannar tas-sena ġmistax, il-merkanziji għandhom ikunu eżentati minn kull dazju.

Linji tariffarji	Sena	Tunnelati Metriċi	Dazju fuq kwota żejda
04021010			
04021090			
04022111			
04022119			
04022191			
04022199			
	Dħul fis-seħħi		
	1	4,000	91,9%
	2	4,400	85,8%
	3	4,800	79,6%
	4	5,200	73,5%
	5	5,600	67,4%
	6	6,000	61,3%
	7	6,400	55,1%
	8	6,800	49,0%
	9	7,200	42,9%
	10	7,600	36,8%
	11	8,000	30,6%
	12	8,400	24,5%
	13	8,800	18,4%
	14	9,200	12,3%
	15	9,600	6,1%
		Bla limitu	0%

31. Il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi LP2 jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 500 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 50 tunnellata metrika li tibda mill-ewwel sena. Għall-merkanziji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat elenkat hawn taħt għal kull sena, għandhom japplikaw il-livelli ta' dazju fuq kwota żejda li jidhru hawn taħt. Mingħajr ħsara għall-miżura ta' salvagwardja stabbilita fit-Taqsima A tal-Anness IV (Miżuri ta' Salvagwardja għall-Agrikoltura), mill-1 ta' Jannar tal-ħames sena, il-merkanziji għandhom ikunu eżentati minn kull dazju.

Linji tariffarji	Sena	Tunnelati Metriċi	Dazju fuq kwota żejda
04022911			
04022919			
04022991			
04022999			
04029110			
04029190			
04029990			
	Dħul fis-seħħħ		
	1	500	81,7%
	2	550	65,3%
	3	600	49,0%
	4	650	32,7%
	5	700	16,3%
		Bla limitu	0%

32. Il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi Q jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 2,310 tunnellati metriċi mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 231 tunnellata metrika li tibda mill-ewwel sena. Għall-merkanziji impurtati fi kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat elenkat hawn taħt għal kull sena, għandhom japplikaw il-livelli ta' dazju fuq kwota żejda li jidhru hawn taħt. Mingħajr ħsara għall-miżura ta' salvagwardja stabbilita fit-Taqsima A tal-Anness IV (Miżuri ta' Salvagwardja għall-Agrikoltura), mill-1 ta' Jannar tas-sena ħmistax, il-merkanziji għandhom ikunu eżentati minn kull dazju.

Linji tariffarji	Sena	Dazju fuq kwota żejda
04062000		
04064000		
	Dħul fis-seħħ	
	1	18,8%
	2	17,5%
	3	16,3%
	4	15,0%
	5	13,8%
	6	12,5%
	7	11,3%
	8	10,0%
	9	8,8%
	10	7,5%
	11	6,3%
	12	5,0%
	13	3,8%
	14	2,5%
	15	1,3%
		0%

Linji tariffarji	Sena	Dazju fuq kwota żejda
04063000		
04069040		
04069050		
04069060		
04069090		
	Dħul fis-seħħħ	
	1	48,8%
	2	45,5%
	3	42,3%
	4	39,0%
	5	35,8%
	6	32,5%
	7	29,3%
	8	26,0%
	9	22,8%
	10	19,5%
	11	16,3%
	12	13,0%
	13	9,8%
	14	6,5%
	15	3,3%
		0%

33. Il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi LM jingħataw eżenzjoni mid-dazju għal kwota globali ta' 1,100 tunnellata metrika mad-dħul fis-seħħħ ta' dan il-Ftehim, b'żieda annwali ta' 110 tunnellata metrika li tibda mill-ewwel sena. Għall-merkanziji impurtati fī kwantitajiet li jaqbżu l-ammont akkumulat elenkat hawn taħt għal kull sena, għandhom japplikaw il-livelli ta' dazju fuq kwota żejda li jidhru hawn taħt. Mingħajr ħsara għall-miżura ta' salvagwardja stabbilita fit-Taqsima A tal-Anness IV (Miżuri ta' Salvagwardja għall-Agrikoltura), mill-1 ta' Jannar tas-sena hemistax, il-merkanziji għandhom ikunu eżentati minn kull dazju.

Linji tariffarji	Sena	Tunnelati Metriċi	Dazju fuq kwota żejda
19011010			
19011091			
19011099			
	Dħul fis-seħħ		
		1,100	18,8%
	1	1,210	17,5%
	2	1,320	16,3%
	3	1,430	15,0%
	4	1,540	13,8%
	5	1,650	12,5%
	6	1,760	11,3%
	7	1,870	10,0%
	8	1,980	8,8%
	9	2,090	7,5%
	10	2,200	6,3%
	11	2,310	5,0%
	12	2,420	3,8%
	13	2,530	2,5%
	14	2,640	1,3%
	15	Bla limitu	0%

34. Il-kwoti kollha li jidhru fuq għandhom ikunu amministrati abbażi tal-metodu li min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.
35. Jekk id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jaħbat f'data wara l-1 ta' Jannar u qabel il-31 ta' Diċembru tal-istess sena kalendarja, il-kwantità fi ħdan il-kwota tkun maħduma pro-rata fuq bażi proporzjonali għaż-żmien li jifdal ta' dik is-sena kalendarja.
36. Għall-finijiet tat-tnejħija tad-dazji, ir-rati tad-dazji f'kull parti jiġu mnaqqsa għal mill-inqas l-eqreb deċimu ta' punt perċentwali jew, jekk ir-rata tad-dazju tkun espressa funnitajiet monetarji, għallinqas sal-eqreb deċimu tal-munita uffiċċiali tal-Kolombja.

37. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, "l-ewwel sena" tfisser is-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim kif stipulat fl-Artikolu 330 (Dħul fis-Seħħ) ta' dan il-Ftehim. Is-snин li huma msemmijin bħala "t-tieni sena", "it-tielet sena" eċċetera jirreferu għas-snin kalendarji li jiġu wara l-ewwel sena kif stipulat f'dan il-paragrafu.
38. Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima huma mfissra fit-termini tan-Nomenklatura tal-Pajjiżi Membri tal-Komunità Andina (NANDINA) abbażi tal-verżjoni tal-2007 tad-Deskrizzjoni Armonizzata tal-Merkanziji u s-Sistema Armonizzata tal-Kodiċijiet (SA).
39. L-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, inkluż l-aġġornament tal-linji tariffarji, għandhom jiġu rregolati min-Noti Ġenerali, min-Noti tat-Taqsimiet u min-Noti tal-Kapitli tan-NANDINA. Diment li d-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima huma identiċi għad-diskurso korrispondenti tan-NANDINA, id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandu jkollhom l-istess tifsira tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tan-NANDINA.

TAQSIMA B

SKEDA GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI TAL-PARTI UE

SOTTOTAQSIMA 1

SKEDA GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI TAL-PARTI UE GĦALL-MERKANZIJI LI JORIĠINAW MILL-KOLOMBJA

A: Tneħħija tat-Tariffi

1. Ħlief kif inhu stipulat mod ieħor fl-Iskeda għat-Tneħħija tat-Tariffi tal-Parti UE inkluża f'din is-Sottotaqsima (minn hawn 'il quddiem imsemmija l-"Iskeda"), il-kategoriji li ġejjin japplikaw għat-tnejħija tad-dazji mill-Parti UE skont l-Artikolu 22 (Tnejħija ta' Dazji) tat-Titolu III (Kummerċ ta' Prodotti) ta' dan il-Ftehim:
 - (a) Id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw mill-Kolombja (minn hawn 'il quddiem imsemmija "merkanziji li joriġinaw") stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "0" għandhom jiġu eliminati kompletament, u dawn il-merkanziji għandhom ikunu ħiesa minn kull dazju fid-data ta' meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ;

- (b) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "3" tal-Iskeda għandhom jitneħħew f'erba' stadji ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji minn dakinar 'il quddiem;
- (c) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "5" tal-Iskeda għandhom jitneħħew f'sitt stadji ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji minn dakinar 'il quddiem;
- (d) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "7" tal-Iskeda għandhom jitneħħew fi tmien stadji ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji minn dakinar 'il quddiem;
- (e) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "10" tal-Iskeda għandhom jitneħħew fi 11-il stadju li jkunu ndaqs u li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji minn dakinar 'il quddiem;
- (f) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji mmarkati b'"20%" fl-Iskeda għandhom jitnaqqsu b'20% fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

- (g) ma għandu jgħodd ebda obbligu rigward it-tnejħħija tad-dazji fejn jikkonċerna l-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "—" fl-Iskeda;
- (h) għal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "AV0" tal-Iskeda, l-element *ad valorem* tad-dazju se jitneħħha mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;
- (i) għal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "AV0-3" tal-Iskeda, l-element *ad valorem* tad-dazju se jitneħħha mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; l-element speċifiku tad-dazju se jibda jitneħħha fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, f'erba' stadji kollha ndaqs, u dawn il-merkanziji minn dakinar 'il quddiem se jkunu ħielsa minn kull dazju;
- (j) għal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "AV0-5" tal-Iskeda, l-element *ad valorem* tad-dazju se jitneħħha mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; l-element speċifiku tad-dazju se jibda jitneħħha fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, f'sitt stadji kollha ndaqs, u dawn il-merkanziji minn dakinar 'il quddiem se jkunu ħielsa minn kull dazju;

- (k) għal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "AV0-7" tal-Iskeda, l-element *ad valorem* tad-dazju se jitneħħha mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; l-element speċifiku tad-dazju se jibda jitneħħha fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, fi tmien stadji kollha ndaqs, u dawn il-merkanziji minn dakinhar 'il quddiem se jkunu ħielsa minn kull dazju;
- (l) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "0 + EP" se jitneħħew fid-data li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim; il-liberalizzazzjoni tikkonċerna biss id-dazju *ad valorem*; għandu jinżamm id-dazju speċifiku marbut mas-sistema tal-prezzijiet tad-dħul applikabbli għal dawn il-merkanziji li joriġinaw kif stipulat fit-Taqsima A tal-Appendiċi 2;
- (m) l-element *ad valorem* tad-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "AV0 + EP" tal-Iskeda se jitneħħew fid-data li jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim; il-liberalizzazzjoni tikkonċerna biss id-dazju *ad valorem*; għandu jinżamm id-dazju speċifiku marbut mas-sistema tal-prezzijiet tad-dħul applikabbli għal dawn il-merkanziji li joriġinaw kif stipulat fit-Taqsima A tal-Appendiċi 2;

- (n) għandu japplika d-dazju li jidher hawn taħt fuq il-merkanziji li joriġinaw stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "BA" tal-Iskeda:

Sena	Dazju preferenzjali (€/t.)	Volum ta' importazzjoni ta' skattar (Tunnellati Metriċi)
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010	145	1 350 000
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2011	138	1 417 500.
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2012	131	1 485 000.
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013	124	1 552 500.
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014	117	1 620 000.
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2015	110	1 687 500.
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016	103	1 755 000.
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2017	96	1 822 500.
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2018	89	1 890 000.
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2019	82	1 957 500
Mill-1 ta' Jannar 2020	75	Mhux applikabbi.

Id-dazji preferenzjali indikati fit-tabella hawn fuq għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. id-dazji ma għandhomx jitnaqqsu b'mod retroattiv;

Fl-2019 il-Parti UE u l-Kolombja għandhom jistudjaw it-titjib tal-liberalizzazzjoni tat-tariffi fuq il-prodotti elenkti fil-kategorija tal-istadju "BA";

Klawsola ta' stabbilizzazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-elementi li ġejjin:

- (i) volum ta' importazzjoni ta' bidu huwa ffissat għall-importazzjonijiet ta' merkanziji li joriġinaw li huma stipulati fil-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "BA" għal kull sena tal-perjodu tranżizzjonali, kif indikat fit-tielet kolonna tat-tabella ta' hawn fuq;
- (ii) ladarba dan il-volum ta' bidu jintlaħaq matul is-sena kalendarja korrispondenti, l-Parti UE tista' tissospendi temporanġament id-dazju preferenzjali applikabbli fl-istess sena għal perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx it-tliet xħur, u li ma jaqbiżx tmiem is-sena kalendarja korrispondenti.
- (iii) f'każ li l-Parti UE tissospendi d-dazju preferenzjali msemmi, il-Parti UE għandha tapplika l-inqas rata bażi jew id-dazju għall-Pajjiż l-Aktar Preferut (minn hawn 'il quddiem imsemmi "MFN") li se jiġi applikat fil-ħin li ssir din l-azzjoni;
- (iv) f'każ li l-Parti UE tapplika l-azzjonijiet imsemmija fis-sottoparagrafi (ii) u (iii), il-Parti UE għandha immedjatamente tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Kolombja biex tanalizza u tivvaluta s-sitwazzjoni abbażi tad-dejta fattwali disponibbli.
- (v) il-miżuri msemmijin fil-paragrafi (ii) u (iii) jistgħu jkunu applikabbli biss waqt il-perjodu tranżizzjonali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2019;

jekk il-Parti UE tapplika dazju li jkun inqas minn dak applikat għall-Kolombja fuq prodotti stipulati fil-linji tariffarji tal-kategorija tal-fażi "BA" li jiġu impurtati mill-Brażil, mill-Kosta Rika, mill-Gwatemala, mill-Honduras, min-Nikaragwa, mill-Panama, minn El Salvador, mill-Venezuela jew minn pajjiżi Membri tal-Komunità Andina, għall-prodotti stipulati fil-linji tariffarji tal-kategorija tal-fażi "BA", hija għandha tapplika l-iżjed dazju baxx bejn dawk id-dazji;

- (o) il-linji tariffarji inklużi fil-kategorija tal-fażi "AV0-MM", "AV0-SC", "AV0-SP", "BF", "CM", "RM", "SR" u "YT" se jiġu liberalizzati skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt B ta' din is-Sottotaqsima.
- 2. Ir-rata bażi u l-kategorija tal-fażi għad-determinazzjoni tar-rata tad-dazju applikab bli f'kull stadju ta' tnaqqis għal-linji tariffarji huma indikati fil-linji tariffarji korrispondenti fl-Iskeda.
- 3. Għall-finijiet tat-tnejħiha tad-dazji, ir-rati tad-dazji applikati f'kull stadju jiġu mnaqqsa għal mill-inqas l-eqreb deċimu ta' punt perċentwali jew, jekk ir-rata tad-dazju tkun espressa f'unitajiet monetarji, għallinqas sal-eqreb deċimu ta' euro.
- 4. Għall-finijiet ta' din is-Sottotaqsima, l-ewwel tnaqqis se jsir mad-dħul fis-seħħi ta' dan il-Ftehim, u kull tnaqqis succcessiv isir fl-1 ta' Jannar tas-sena relevanti.

5. Jekk id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jaħbat f'data wara l-1 ta' Jannar u qabel il-31 ta' Diċembru tal-istess sena, il-kwantità fi ħdan il-kwota tkun maħduma pro-rata fuq bażi proporzjonali għaż-żmien li jifdal ta' dik is-sena kalendarja.

B: Kwoti tat-Tariffi fuq prodotti speċifiċi

Il-konċessjonijiet fuq it-tariffi li jidhru hawn taħt għandhom japplikaw fuq bażi annwali mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-importazzjonijiet fil-Parti UE ta' merkanziji li joriġinaw.

Il-Parti-UE għandha tippermetti l-importazzjonijiet eżentati mid-dazju għall-kwantitajiet u l-merkanziji li ġejjin:

- (a) kwantità totali ta' 100 tunnellata metrika, b'żieda ta' ħames (5) tunnellati metriċi kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija tal-fażi "AV0-MM"; għall-kwantitajiet globali li kull sena jaqbżu l-element *ad valorem* tad-dazju se jitneħħha mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;
- (b) kwantità globali ta' 200 tunnellata metrika, b'żieda ta' għaxar (10) tunnellati metriċi kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija tal-fażi "AV0-SC"; għall-kwantitajiet globali li kull sena jaqbżu l-element *ad valorem* tad-dazju se jitneħħha mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

- (c) kwantità globali ta' 20 000 tunnellata metrika, b'żieda ta' sitt mitt (600) tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenktati fil-kategorija tal-fażi "AV0-SP"; għall-kwantitajiet globali li kull sena jaqbżu l-element *ad valorem* tad-dazju se jitneħħha mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;
- (d) kwantità globali ta' 5 600 tunnellata metrika, b'żieda ta' 560 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenktati fil-kategorija tal-fażi "BF";
- (e) kwantità globali ta' 100 tunnellata metrika, b'żieda ta' 5 tunnellati metriċi kull sena, tal-prodotti elenktati fil-kategorija tal-fażi "CM";
- (f) kwantità globali ta' 1 500 ettolitru, b'żieda ta' 100 ettolitru kull sena (imfissra f'unità ekwivalenti ta' alkoħol pur), tal-prodotti elenktati fil-kategorija tal-fażi "RM";
- (g) kwantità globali ta' 62 000 tunnellata metrika, b'żieda ta' 1860 tunnellata metrika kull sena (imfissra f'unità ekwivalenti ta' zokkor mhux maħdum), tal-prodotti elenktati fil-kategorija tal-fażi "SR";
- (h) kwantità globali ta' 100 tunnellata metrika, b'żieda ta' ħames (5) tunnellati metriċi kull sena, tal-prodotti elenktati fil-kategorija tal-fażi "YT".

SKEDA GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI TAL-PARTI UE

NOTI ĠENERALI

Rabta man-Nomenklatura Magħquda (minn hawn 'il quddiem imsemmija l-"NM") tal-Unjoni Ewropea; Id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda huma ġeneralment espressi fit-termini tal-NM 2007, u l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, inkluża l-kopertura tal-prodott tas-sottointestaturi ta' din l-Iskeda, għandha tkun regolata min-Noti Ġeneral, Noti tat-Taqsima, u n-Noti tal-Kapitoli tal-NM. Diment li d-dispożizzjonijiet huma identiċi għad-dispożizzjonijiet tal-NM, id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandu jkollhom l-istess tifsira tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-NM.

SOTTOTAQSIMA 2

SKEDA GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI TAL-PARTI UE GĦAL MERKANZIJI LI JORIĠINAW FIL-PERÙ

1. Ir-rata bażi tad-dazju u l-kategorija tal-fażi għad-determinazzjoni tar-rata interim tad-dazju fkull stadju tat-tnaqqis huma indikati għal kull linja tariffarja fl-Iskeda għat-Tneħħija tat-Tariffi tal-Parti UE inkluża f'din is-Sottotaqsima (minn hawn 'il quddiem imsemmija "l-Iskeda").

2. Għall-finijiet tat-tneħħija tad-dazji, ir-rati tad-dazji tal-istadji għandhom jiġu mnaqqsas għal mill-inqas l-eqreb deċimu ta' punt perċentwali jew, jekk ir-rata tad-dazju tkun imfissra f'unitajiet monetarji, għallinqas sal-eqreb deċimu ta' euro.
3. Għall-finijiet ta' din is-Sottotaqsima "l-ewwel sena" tfisser dik is-sena li jidħol fis-seħħ il-Ftehim, kif stipulat fl-Artikolu 330 (Dħul fis-seħħ) ta' dan il-Ftehim.
4. Għal-finijiet ta' din is-Sottotaqsima, kull tnaqqis annwali mit-tieni sena 'l quddiem għandu jibda jseħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena relevanti.
5. Jekk id-ħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jaħbat f'data wara l-1 ta' Jannar u qabel il-31 ta' Diċembru tal-istess sena, il-kwantità fi ħdan il-kwota tkun maħduma pro-rata fuq bażi proporzjonal i-għażżi-żmien li jifdal ta' dik is-sena kalendarja.

A. Tneħħija tat-Tariffi

Minbarra fejn stipulat mod ieħor fl-Iskeda, il-kategoriji li ġejjin għandhom japplikaw għat-tneħħija tad-dazji mill-UE skont l-Artikolu 22 (Tneħħija tad-Dazji) tat-Titolu III (Kummerċ ta' Prodotti) ta' dan il-Ftehim:

- (a) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw mill-Perù (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "merkanziji li joriġinaw") li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi (minn hawn 'il quddiem imsejjħa "kategorija") "0" tal-Iskeda għandhom jiġu eliminati kompletament, u dawn il-merkanziji għandhom ikunu ħielsa minn kull dazju doganali fid-data ta' meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ;
- (b) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "3" tal-Iskeda għandhom jitneħħew f'erba' stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tar-raba' sena;
- (c) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "5" tal-Iskeda għandhom jitneħħew f'sitt stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tas-sitt sena;

- (d) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "7" tal-Iskeda għandhom jitneħħew fi tmien stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tat-tmien sena;
- (e) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "10" tal-Iskeda għandhom jitneħħew fi ħdax-il stadju annwali li jkunu kollha ndaqs u jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tas-sena ħdax;
- (f) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji tal-kategorija "—" tal-Iskeda għandhom jibqgħu bir-rata bażi; dawn il-prodotti huma esklużi mit-tnejħħija jew it-tnaqqis tad-dazju;
- (g) għall-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji tal-kategorija "AV0" tal-Iskeda, l-element *ad valorem* tad-dazju se jitneħħha mad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;
- (h) għall-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "EP" tal-Iskeda, tinżamm is-sistema ta' prezzijet tad-dħul stipulata fit-Taqsima B tal-Appendiċi 2 ta' dan il-Anness;

- (i) għandu japplika d-dazju li jidher hawn taħt fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "BA" tal-Iskeda:

Sena	Dazju preferenzjali (€/t.)	Volum ta' Importazzjoni ta' skattar (tunnelati metriċi)
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2010	145	67 500
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2011	138	71 250
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2012	131	75 000
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2013	124	78 750
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014	117	82 500
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2015	110	86 250
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016	103	90 000
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2017	96	93 750
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2018	89	97 500
Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2019	82	101 250.
Mill-1 ta' Jannar 2020	75	Mhux applikabbli.

id-dazji preferenzjali indikati fit-tabella għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim; id-dazji ma għandhomx jitnaqqsu b'mod retroattiv;

fl-2019, il-Parti UE u l-Perù għandhom jistudjaw it-titjib tal-liberalizzazzjoni tat-tariffi fuq il-merkanziji elenkti fil-kategorija tal-istadju "BA";

klawsola ta' stabilizzazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-elementi li ġejjin:

- (i) volum ta' importazzjoni ta' bidu huwa (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "volum ta' bidu") iffissat għall-importazzjonijiet ta' merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi "BA" għal kull sena tal-perjodu tranżizzjonali, kif indikat fit-tielet kolonna tat-tabella ta' hawn fuq;
- (ii) ladarba dan il-volum ta' bidu jintlaħaq matul is-sena kalendarja korrispondenti, l-UE tista' tissospendi temporanġament id-dazju preferenzjali applikabbli fl-istess sena għal perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx it-tliet xħur, u li ma jaqbiżx tmiem is-sena kalendarja korrispondenti;
- (iii) f'każ li l-Parti UE tissospendi d-dazju preferenzjali msemmi, hi għandha tapplika l-inqas rata bażi jew id-dazju għall-Pajjiż l-Aktar Preferut (minn hawn 'il quddiem imsemmi "MFN") li huwa applikabbli fil-ħin li ssir din l-azzjoni;
- (iv) f'każ li l-Parti UE tapplika l-azzjonijiet imsemmija fis-sottoparagrafi (ii) u (iii), il-Parti UE għandha immedjatamente tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Perù biex tanalizza u tivvaluta s-sitwazzjoni abbażi tad-dejta fattwali disponibbli;

- (v) il-miżuri msemmijin fil-paragrafi (ii) u (iii) jistgħu jkunu applikabbli biss waqt il-perjodu tranżizzjonali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2019;
- (j) il-merkanziji li joriġinaw mill-Perù li jikkorrispondu mal-linji tariffarji "BF", "BK", "BR", "CE", "GC", "IE", "ME", "MM", "MP1", "MP2", "PK", "PY", "RE", "RM", "SC", "SP", "SR" u "YT" għandhom jiġu liberalizzati taħt kwota tariffarja skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt B ta' din is-Sottotaqsima.

B: Kwoti tat-Tariffi fuq merkanziji speċifiċi

Il-konċessjonijiet fuq it-tariffi li jidhru hawn taħt għandhom japplikaw fuq bażi annwali mid-data tad-dħul fis-seħħi ta' dan il-Ftehim għall-importazzjonijiet fl-UE ta' merkanziji li joriġinaw.

Il-Parti-UE għandha tippermetti l-importazzjonijiet eżentati mid-dazju għall-kwantitatijiet u l-merkanziji li ġejjin:

- (a) kwantità globali¹ ta' 2 150 tunnellata metrika, b'żieda ta' 215-il tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija tal-fażi "BF";
- (b) kwantità globali ta' 1 900 tunnellata metrika, b'żieda ta' 190 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "BK";

¹ Il-kwantità globali hija mfissra bħala ekwivalent tal-piż tal-karkassi kif jidher hawn: 100 kilogramma ta' laħam bl-għadu se jkun ekwivalenti għal 70 kilogramma ta' laħam mingħajr għadu.

- (c) kwantità globali ta' 500 tunnellata metrika, b'żieda ta' 50 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "BR";
- (d) kwantità globali ta' 2 500 tunnellata metrika, b'żieda ta' 250 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "CE";
- (e) kwantità globali ta' 750 tunnellata metrika, b'żieda ta' 75 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "GC";
- (f) kwantità globali ta' 150 tunnellata metrika, b'żieda ta' 15-il tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "IE";
- (g) kwantità globali ta' 10 000 tunnellata metrika, b'żieda ta' 1 000 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "ME";
- (h) kwantità globali ta' 100 tunnellata metrika, b'żieda ta' 10 tunnellati metriċi kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "MM";
- (i) kwantità globali ta' 3 000 tunnellata metrika, b'żieda ta' 300 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "MP1";

- (j) kwantità globali ta' 6 000 tunnellata metrika, b'żieda ta' 600 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "MP2";
- (k) kwantità globali ta' 4 000 tunnellata metrika, b'żieda ta' 400 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "PK";
- (l) kwantità globali ta' 7 500 tunnellata metrika, b'żieda ta' 750 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "PY";
- (m) kwantità globali ta' 34 000 tunnellata metrika, b'żieda ta' 3 400 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "RE";
- (n) kwantità globali ta' 1 000 ettolitru, b'żieda ta' 100 ettolitru kull sena (imfissrin f'unità ekwivalenti ta' alkoħol pur), tal-prodotti elenkti fil-kategorija "RM";
- (o) kwantità globali ta' 700 tunnellata metrika, b'żieda ta' 70 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "SC";
- (p) kwantità globali ta' 10 000 tunnellata metrika, b'żieda ta' 300 tunnellata metrika kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "SP";

- (q) kwantità globali ta' 22 000 tunnellata metrika, b'żieda ta' 660-il tunnellata metrika kull sena (imfissrin f'unità ekwivalenti ta' zokkor mhux maħdum), tal-prodotti elenkti fil-kategorija "SR";
- (r) kwantità globali ta' 30 tunnellata metrika, b'żieda ta' 3 tunnellati metriċi kull sena, tal-prodotti elenkti fil-kategorija "YT";

**SKEDA GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI TAL-UE
NOTI ĠENERALI**

Rabta man-Nomenklatura Magħquda (minn hawn 'il quddiem imsemmija l-"NM") tal-Unjoni Ewropea: Id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda huma ġeneralment espressi fit-termini tan-NM, u l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda, inkluża l-kopertura tal-prodotti tas-sottointestaturi ta' din l-Iskeda, għandha tkun regolata min-Noti Ġenerali, in-Noti tat-Taqsima, u n-Noti tal-Kapitoli tan-NM. Diment li d-dispożizzjonijiet huma identiċi għad-dispożizzjonijiet tan-NM, id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandu jkollhom l-istess tifsira tad-dispożizzjonijiet korrespondenti tan-NM.

TAQSIMA Ċ

SKEDA TAL-PERÙ GĦAT-TNEĦĦIJA TAT-TARIFFI FUQ MERKANZIJI LI JORIĠINAW FL-UNJONI EWROPEA

1. Hlied fejn hu stipulat mod ieħor fl-Iskeda għat-Tneħħija tat-Tariffi tal-Perù inkluża f'din it-Taqsima (minn hawn 'il quddiem imsemmija l-"Iskeda"), il-kategoriji ta' fażi li ġejjin japplikaw għat-tneħħija tad-dazji mill-Perù skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 22 (Tneħħija ta' Dazji) tat-Titolu III (Kummerċ ta' Merkanziji) ta' dan il-Ftehim:
 - (a) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsemmija "merkanziji li joriġinaw") li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija tal-fażi (minn hawn 'il quddiem imsemmija "kategorija") "0" fl-Iskeda għandhom jiġu eliminati kompletament, u dawn il-merkanziji għandhom ikunu ħielsa minn kull dazju fid-data ta' meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ;
 - (b) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "3" tal-Iskeda għandhom jitneħħew f'erba' stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tar-raba' sena;

- (c) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija "5" tal-Iskeda għandhom jitneħħew f'sitt stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tas-sitt sena;
- (d) id-dazji fuq il-merkanziji li joriġinaw li jikkorrispondu mal-linji tariffarji fil-kategorija ta' stadju "6" fl-Iskeda għandhom jitneħħew f'seba' stadji annwali ndaqs li jibdew fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, u dawn il-merkanziji jkunu eżentati mid-dazji mill-1 ta' Jannar tas-seba' sena;
